MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 277/2012

**A B**

**vs**

**C D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur A B li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet kienu zzewgu fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005);

2. Illi minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal minuri u cioe' Elisha Ii ghandha seba' snin u ghaldaqstant twieldet fl-erbgha (4) ta' Gunju tas-sena elfejn u hamsa (2005) u Rowan li ghandu tlett snin li twieled fit-tielet (3) ta' Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009);

3. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ddatat wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) fl-atti tan-Nutar Dottor Graziella Abela Farrugia;

4. Illi ai termini tal-klawzola numru hamsa (5) sub-inciz (i) il-kura u l-kustodja giet afdata f'idejn l-intimata. Illi r-rikorrent jixtieq li l-kura u kustodja tkun kongunta u mhux solament fuq l-intimata u dana peress li huwa diga' ghandu rwol attiv fil-hajja taz-zewgt itfal tieghu u dana kif se jigi ppruvat iktar il-quddiem fil-mertu tal-kawza ;

5. Illi ai termini tal-klawzola precedenti t-tfal minuri qeghdin jabitaw primarjament ma' 1-omm intimata imma qieghed jigi propost li l-post ta' l-abitazzjoni jkunu wiehed 'shared' ma’ dak tal-missier rikorrent kif se jigi iktar delinjat fil-klawzola numru sitta (6) ta' dan ir-rikors guramentat odjern ;

6. Illi ai termini tal-klawzola precedenti r-ragel ghandu access liberu, b'minimu ta' access ta' l-inqas darbtejn fil-gimgha u darb' ohra fil-weekend, u dana meta, r-Ragel ikun xoghol bejn it-tmienja ta' filghodu sal-erbgha ta' filghaxija, l-access isir bejn il-hamsa ta' filghaxija u t-tmienja ta' filghaxija, meta jkun xoghol bejn l-ergha ta' filghaxija sa nofs il-lejl, l-access isir bejn id-disgha u nofs ta' filghodu sas-siegha ta' wara nofsinhar, u meta jkun xoghol bejn nofs il-lejl sat-tmienja ta' filghodu, l-access isir bejn it-tlieta ta’ wara nofsinhar sas-sebgha ta' filghaxija. Illi l-intimata mhux qed izzomm mal-granet ta' 1-access u hija x-xewqa tar-rikorrent illi l-modalita' ta' l-access inkluz il-hin ta' l-access matul iz-zrnien tal-vaganzi jinbidel sabiex ikun jista' jqatta' iktar hin ta' kwalita' mat-tfal minuri tieghu u dana jista' jsir peress li ghandu hinijiet verament flessibbli tax-xoghol tieghu. Illi peress ix-xoghol tar-rikorrenti huwa Odds Compiler u ghalhekk jahdem mid-dar u jahdem biss jumejn u l-iktar tlieta fil-gimgha, jista' jqatta' iktar hin mat-tfal, sahansittra jistghu jqattghu nofs il-gimgha ghand ir-rikorrenti. Dana jiggarantixxi flessibilita' kbira lir-rikorrenti u ghaldaqstant jixtieq li jkollu iktar sehem fit-trobbija ta' uliedu. Illi bhalissa n-nanniet materni qeghdin jiehdu hsieb lit-tfal meta ma tkunx tista' 1-intimata avolja r-rikorrent ikun jista' kemm il-darba jiehu hsiebhom. Ghalhekk ir-rikorrent qieghed jigi mcahhad id-dritt tieghu ta' missier minn l-intimata;

7. Illi ai termini tal-klawzola hamsa (5) sub-inciz (ii), il-manteniment huwa ffissat ghal-ammont ta' erba' mitt Ewro fix-xahar (€400). Il-manteniment ghandu jitnaqqas peress li l-intimata mhux qed tuza l-ammont tal-manteniment verso t-tfal imma qeghdha tuzhom ghal skopijiet ohra kif se jigi ppruvat fit-trattazzjoni. Illi ukoll il-manteniment qieghed mitlub li jigi mnaqqas peress li qieghed jigi propost li t-tfal jkollhom a 'shared residence' sabiex ikunu vicini kemm tal-missier kif ukoll ta' l-omm qieghed jigi propost li r-retta alimentarja titnaqqas peress l-attur se jkun qieghed direttament jiehu hsieb it-trobbija ta' uliedu;

8. Illi di piu' t-tfal minorenni qeghdin jigu esposti ghal terzi persuni inkluz l-'boyfriend'ta' 1-intimata u dan qieghed ikun ghad-detriment tat-tfal minorenni u fil-fatt l-intimata qeda tipprova tissostitwixxi r-rwol ta' missier tar-rikorrenti mal-'boyfriend' il-gdid taghha ;

9. Illi dan il-kaz gie debitament riferut ghall-medjazzjoni izda ftehim bonarju ma ntlahaqx u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti b' digriet datat 8 ta' Novembru 2012, ddikjarat il-medjazzjoni maghluqa u awtorizzat lill-rikorrenti sabiex jipprocedi b' kawza ghal varjazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni fit-termini impost mil-ligi;

10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza ;

11. Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi r-rikorrenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna illi l-kuntratt ta' separazzjoni jigi emendat b'dan illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Elishia u Rowan, ahwa B tigi fdata fiz-zewg partijiet u cioe' tkun kura u kustodja kongunta;

2. Tordna illi l-kuntratt tas-separazzjoni jigi emendat b'dan illi l-post residenzjali tat-tfal minuri Elishia u Rowan, ahwa B, ma jibqax primarjament ma' l-omm intimata imma tkun wahda 'shared' mal-missier rikorrenti u cioe' t-tfal jghixu kemm mal-missier u kemm mal-omm;

3. Tordna illi l-kuntratt tas-separazzjoni jigi emendat b'dan illi l-access favur il-missier jibqa' liberu imma l-minimu ta' granet li jqatta' mat-tfal jizdied b'ta' l-inqas jqattghu nofs il-gimgha mal-missier rikorrenti;

4. Tordna illi l-kuntratt tas-separazzjoni jigi emendat b'dan illi r-retta alimentarja ta' erba' mitt Ewro fix-xahar tonqos ghal rata iktar ragonevoli ;

5. Tordna illi t-tfal ma jibqghux esposti ghal terzi persuni specjalment il-'boyfriend' prezenti ta' l-omm intimata;

6. Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att ta' varjazzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi u dan ai termini ta' dak illi jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti in virtu tat-talbiet de quo u tinnomina kuraturi sabiex jidhru fuq dan l-att fl-eventwali kontumacja tal-konvenuta;

U dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni

Rat ir-risposta guramentata u l-kontro-talba tal-konvenuta C D li taqra kif gej:-

"Illi t-talbiet maghmula permezz tar-rikors guramentat ghandhom jigu michuda kollha u dana stante:

1. Illi r-rikorrent attur mhuwiex dehen li jigi mghoti u fdat il-kura u kustodja kongunta ta' ulied il-partijiet, oltre li m'huwiex fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun fdata f'idejn ir-rikorrent u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk l-ewwel talba ghandha tigi michuda.

2. Illi t-tieni talba li jigi varjat il-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet, li jkun hemm shared residence tal-ulied, ghandha tigi michuda stante illi dana mhuwiex fl-ahjar interess tal-minuri, u dana kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi dan jista' jigi stabbilit bl-ghajnuna ta' social workers jew esperti ohra nominati li jistghu jigu nominati minn din il-Qorti biex jirrelataw dwar il-fatti u cirkostanzi ta' dan il-kaz.

3. Illi r-raba' talba li jizdiedu l-granet tal-access, ghandha tigi michuda stante illi r-rikorrent mhuwiex kapaci li jzomm it-tfal ghal aktar hin milli qieghed iqatta' maghhom, kif

ukoll dan se jkun ta' xkiel ghall-izvilupp socjali u edukattiv tal-minuri, u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi t-talba ghall-varjazzjoni tal-access qieghda ssir hiss biex jigi ridott il-manteniment mensili li huwa obbligat ihallas lill-esponenti u ghal ebda raguni ohra. Illi dan il-manteniment huwa wiehed relattivament baxx meta wiehed ihares lejn il-mezzi tar-rikorrent u l-bzonnijiet ta' ulied il-partijiet, u ghalhekk ir-raba' talba ghandha tigi michuda. Illi a kawza ta' dan, 1-esponenti qieghda tipprevalixxi ruhha mid-dritt mghoti lilha bil-ligi u sejra tintavola t-talbiet rikonvenzjonali taghha ghaz-zieda fl-ammont ta' manteniment mensili;

5. Illi l-hames talba ghandha tigi michuda stante illi hija bla bazi kemm fattwali kif ukoll legali, u dana kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

6. B'rizerva ghal eccezzjonijiet ohra permessibbli mil-ligi.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment tissottometti li in vista ta' dak hawn fuq espost, it-talbiet kollha kif dedotti fir-rikors guramentat ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta li pemezz taghha qed titlob li l-Qorti tordna awment fir-rata mensili ta’ manteniment ghall-minuri li jhallas l-attur rikonvenzjonat.

Rat ir-risposta tal-attur rikonvenzjonat ghall-kontro-talba tal-konvenuta.

Rat id-digriet taghha li permezz tieghu innominat lil Dr Kenneth Gulia bhala Assistant Gudizzjarju.

Rat id-digriet taghha li permezz tieghu innominat lil Psikologa Carmen Sammut sabiex tirrelata dwar jekk kien fl-interess tal-minuri li l-granet u hin tal-access tal-missier mifthiem bejn il-partijiet fuq il-kuntratt tas-separazzjoni konsenswali jizdied.

Rat ir-rapport tal-Psikologa Carmen Sammut.[1]

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet u semghet it-trattazzjoni tal-avukati rispettivi.[2]

Rat l-atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Jannar 2015 fejn hemm registrat aspetti tal-vertenza li dwarhom hemm qbil bejn il-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**L-Azzjoni tal-Attur u l-Kontro-talba tal-Konvenuta.**

In succint it-talbiet u l-eccezzjonijiet li l-partijiet resqu quddiem il-Qorti ghad-decizzjoni huma s-segwenti:-

**L-ewwel talba ta` A B**

Tordna li l-kuntratt ta` separazzjoni jigi emendat b`dan illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Elishia u Rowan ahwa B tigi fdata fiz-zewg partijiet u cioe tkun kura u kustodja kongunta.

[1] Fol. 625
[2] Fol. 643 u 648

Il-kuntratt ta`separazzjoni esebit a Fol.99 tal-process fl-Art.5 sub-inciz (i) jghid; fir-rigward tal-minuri fuq imsemmija il-partijiet jaqblu illi l-kura u l-kustodja taghhom ghandha tkun vestita fil-mara. L-attur ghalhekk f`din it-talba issa qed jitlob li dan jigi emendat biex il-kura u l-kustodja tal-minuri tigi wahda kongunta.

**L-ewwel eccezzjoni ta` C D fir-rigward**

F`dan ir-rigward C D teccepixxi illi r-rikorrent attur mhuwiex dehen jigi moghti u fdat il-kura u l-kustodja kongunta ta` ulied il-partijiet, oltre li mhuwiex fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun fdata f`idejn ir-rikorrent.

**It-tieni talba ta` A B**

Tordna illi l-kuntratt ta` separazzjoni jigi emendat b`dan illi l-post residenzjali tat-tfal minuri Elisha u Rowan ahwa B, ma jibqax primarjament mal-omm intimata imma tkun wahda `shared` mal-missier rikorrenti u cioe t-tfal jghixu kemm mal-missier u kemm mal-omm

L-istess Art 5 sub-inciz (i) in effetti jghid illi l-partijiet jaqblu u jaccettaw illi l-imsemmija minuri ser ikunu qed jabitaw fir-residenza tal-mara pero' ir-ragel ghandu ikollu access liberu ghall-minuri. L-attur ghalhekk b`din it-talba issa qed jitlob li dan jigi emendat sabiex il-post residenzjali tat-tfal minuri Elisha u Rowan ahwa B ma jibqax primarjament mal-omm intimata imma tkun wahda shared mal-missier rikorrenti u cioe li t-tfal jghixu kemm mal-missier u kemm mal-omm.

**It-tieni eccezzjoni ta` C D fir-rigward**

Illi hija teccepixxi li t-tieni talba li jigi varjat il-kuntratt ta` separazzjoni tal-partijiet li jkun hemm shared residence tal-ulied ghandha tigi michuda stante illi dana mhuwiex fl-ahjar

interess. Illi dan jista jigi stabbilit bl-ghajnuna ta` social workers jew esperti ohra nominati minn din il-Qorti biex jirrelataw dwar il-fatti u cirkostanzi ta` dan il-kaz.

**<u>It-tielet talba ta` A B</u>**

Tordna li l-kuntratt ta` separazzjoni jigi emendat b`dan illi l-access favur il-missier jibqa liberu imma l-minimu tal-granet illi jqatta mat-tfal jizdied b`ta l-inqas iqattghu nofs il-gimgha mal-missier rikorrenti.

L-istess Art.5 sub-inciz (i) jghid li r-ragel ghandu jkollu minimu ta` access ta` l-inqas darbtejn fil-gimgha. L-attur ghalhekk issa qed jitlob li dan ukoll jigi emendat sabiex l-access jibqa' liberu imma l-minimu ta` granet illi jqatta' mat-tfal jizdied b`ta l-inqas iqattghu nofs il-gimgha mal-missier rikorrenti.

**<u>It-tielet eccezzjoni ta` C D fir-rigward</u>**

Hija teccepixxi illi t-tielet talba illi jizdiedu l-hinijiet tal-access ghandha tigi michuda stante illi r-rikorrent mhuwiex kapaci izomm t-tfal ghal aktar hin milli qieghed iqatta maghhom kif ukoll dan se jkun ta` xkiel ghall-izvilupp socjali u edukattiv tal-minuri.

**<u>Il-Kontro-Talba ta' C D</u>**.

Il-konvenuta in via rikonvenzjonali qed titlob li l-Qorti tordna awment fir-rata mensili ta' manteniment ghall-minuri li jhallas l-attur rikonvenzjonat.

**<u>L-eccezzjoni ta' A B ghall-kontro-talba</u>**.

Joggezzjona li hemm lok ghall-awment fil-manteniment li huwa jhallas anzi jsostni li dan ghandu jonqos.

Ikkunsidrat;

**Provi**.

Mill-provi mressqa jirrizulta illi l-kontendenti ghandhom zewgt itfal Elisha illi llum il-gurnata se taghlaq ghaxar snin fl-4 ta` Gunju 2015, u Rowan li llum il-gurnata jaghlaq sitt snin fit-3 ta` Awwissu 2015. (Vide certifikati tat-twelid esebiti a fols 8 u 9 tal-process***)***

In forza ta’ kuntratt ta’ separazzjoni pesonali ppubblikat min-Nutar Dottor Graziella Abela Farrugia fil-21 ta’ Dicembru 2011 il-partijiet isseparaw u rregolaw it-termini tas-separazzjoni inkluz kura u kustodja, access u manteniment tal-minuri.

Klawsola 5 tal-precitat kuntratt taqra’ hekk:-

*“5. Fir-rigward tal-minuri fuq imsemmija.*

*(i) Fir-rigward tal-minuri fuq imsernrnija.*

*Il-partijiet jaqblu u jiftehmu illi l-kura u l-kustodja taghhom ghandha tkun vestita fil-mara. Il-partijiet jaqblu u jaccettaw illi l-imsemmija minuri ser ikunu qed jghixu u jabitaw fir-residenza tal-Mara pero' r-Ragel ghandu jkollu access liberu ghall-istess minuri. Inoltre r-ragel ghandu jkollu minimu ta' access ta' l-inqas darbtejn fil-gimgha u darba ohra il-weekend, cioe' meta r-Ragel ikun xoghol bejn it-tmienja ta' filghodu sal-erbgha ta' filghaxija. l-access isir bejn il-hamsa ta' filghaxija u t-tmienja ta' filghaxija. meta jkun xoghol bejn l-erbgha ta' filghaxija sa nofsilejl, l-access isir bejn id-disgha u nofs ta' filghodu sas-siegha ta' wara nofsinhar, u meta jkun xoghol bejn nofsilejl sat-tmienja ta' filghodu, l-access isir bejn it-tlieta ta' wara nofsinhar sas-sebgha ta' filghaxija. Il-partijiet jintrabtu li jinformaw lil xulxin*

*dwar il-hinijiet tax-xoghol rispettiv taghhom sabiex jigi ippjanat bil-quddiern il-granet u l-hinijiet tal-access u dan ikun fl-ahjar interess tal-minuri li jkollhom skeda li jkunu jistghu jimxu fuqha.*

*Fil-vaganzi tal-iskola tal-minuri, il-missier ghandu jraqqad lill-minuri rnieghu darbtejn fil-gimgha meta ma jkunx xoghol. Fiz-zmien meta t-tfal ikunu qeghdin jattendu l-iskola, jorqdu mal-missier darba fi tmiem il-gimgha. Meta l-minuri jorqdu mal-missier, il-missier ghandu jigbor lill-minuri mill-post indikat mill-omm fis-sebgha ta' filghaxija u jerga jwassalhom fil-post indikat mill-omm fit-trnienja u nofs ta' filghodu.*

*(ii) Illi r-Ragel jintrabat u jobbliga ruhu sabiex ihallas lill-Mara accettanti bhala manteniment, is-somma ta’ erba' mitt Ewro mensilment. Il-manteniment jonqos bin-nofs meta it-tifla taghlaq l-eta' maggura ta' tmintax (18)-il sena. u jispicca meta t-tifel jaghlaq l-eta' maggura ta' tmintax (18)-il sena. F'kaz li ulied il-partijiet jibqghu jistudjaw full-time wara li jaghlqu l-eta' ta’ tmintax-il sena, il-manteniment jibqa' jithallas mir-ragel lill-mara ghall-ulied u dan sakemm jaghlqu l-eta' ta’ tlieta u ghoxrin sena. Dan kollu suggett li l-minuri jibqghu jghixu mal-mara. F'kaz li l-ulied jew xi wiehed minnhom jibda jkollu xi dhul finanzjarju waqt dan iz-zmien il-manteniment ghandu jigi rivedut. F'kaz li r-ragel jitlef ix-xoghol tieghu jew tonqoslu l-paga tieghu minhabba raguni li hija ghal kollox indipendenti minnu, il-manteniment jista' jigi rivedut fuq ftehim bejn il-partijiet jew wara li ssir talba appozita lill-Qorti kompetenti.*

*(iii) Il-manteniment ghandu jithallas ipso jure fl-ewwel gurnata ta’ kull xahar minghajr il-bzonn ta' ebda interpellanza, u dana permezz ta' standing order a favur akkont indikat mill-mara,*

*(iv) L-ispejjez edukativi bhal uniformijiet, kotba. trasport, ezamijiet, fost ohrajn. u spejjez relatati mas-sahha tal-minuri ghandhom jigu sopportati mill-mara u r-ragel fi kwoti indaqs bejniethom. F'kaz li jkun hemm xi attivitajiet extra-kurrikulari dawn ikunu a spejjez tal-genitur li jiddeciedi li jiehu lill-rninuri sakemm ma jkunx hemm ftehim differenti. Ir-Ragel u l-Mara jaqblu wkoll li f'kaz li t-tfal ikollhom bzonn ta' privat dawn l-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs. meta jkun hemm qbil bejn il-partijiet, jew jekk ikun hemm indikazzjoni rninghand ghalliem li l-minuri ghandhorn bzonn il-privat. Kull spiza li ssir ghandha tigi rimborsata lill-parti l-ohra fi zmien xahar mill-prezentata tal-ircevuta jew talba ghall-hlas relattiva.”*

Seba' xhur biss wara li gie iffimrat u ppubblikat il-kuntratt ta' separazzoni konsenswali l-attur ipprezenta ittra fis-26 ta'Lulju 2012 fejn talab illi l-Qorti tal-Familja tiftah process ta' medjazzjoni peress li ried varjazzjoni fit-termini tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

Fl-affidavit tieghu l-attur jelenka ir-ragunijiet ghaliex qed jitlob tibdil dwar il-kura u kustodja, residenza u access tal-minuri.

Isemmi kif fil-bidu tas-separazzjoni taghhom huwa kien jiltaqa' hafna aktar mat-tfal. Jghid li peress li ftehmu li l-access ikun wiehed liberu huwa kien jiehu u jigbor it-tfal l-iskola; Kien jiehu hsieb l-affarijiet tal-Muzew ta' Elisha kif ukoll iwasallha l-ballet. Jghid li kieku ma kienx ghalih it-tfal ma kienux jattendu l-attivitajiet taghhom, "Kieku ma nehodhomx jiena, kieku ma jehodhom hadd."[3]

Jghid illi l-partner tal-konvenuta li jirrisjedi mal-konvenuta u maz-zewg ulied tal-partijiet qed johodlu postu bhala missier iz-zewg minuri. Minn wara s-separazzjoni l-konvenuta ghandha tifla mill-partner taghha u l-attur isostni li l-konvenuta qed tipprova li l-partner taghha jiehu l-figura ta' missier iz-zewgt ulied il-partijiet sabiex l-attur jinqata mill-hajja ta' uliedu. Jallega wkoll li l-konvenuta mhiex kapaci trabbi lit-tfal u li ghalhekk qed jitlob li t-tfal irabbihom hu b'access favur l-omm.

Jakkuza lill-konvenuta li "……….ma jimpurtahiex mis-sahha tat-tfal…." (fol 39)

Jirrakonta kif hemm nuqqas ta' qbil jekk il-minuri Rowan ghandux bzonn 'speech therapist'.

Jakkuza lill-konvenuta b'nuqqas ta' maturita' peress li kienet talbitu sabiex ma jcempliliex fuq il-mobile taghha.

Jakkuza lill-konvenuta li trid …….." taqtani minn hajjet it-tfal hlief minn fejn ghandu x`jaqsam il-manteniment" (fol. 42).

[3] Fol. 33

In kontro-ezami[4] xehed hekk:-

***"Jiena matul il-gimgha lit-tfal narahom tlett darbiet fil-gimgha bhalissa u narahom ghal tlett sighat. Ikun hemm fil-weekends sleepovers darba fil-gimgha.*** Qed issir referenza ghal Dok.1 li huwa anness mal-Affidavit ta` C D li huma time-tables differenti ta` access. Jiena darba fil-gimgha jew darba fix-xahar nircievi dawn it-time tables kif ghandu jsir l-access. ***Naqbel li mat-tfal inkun ltqajt f`okkazjonijiet ta` aktar minn tlett darbiet fil-gimgha.***

Qed nigi muri first weeks of May. Dawn jindikaw sleepovers u access fil-hinijiet. Per ezempju fejn qed nigi muri May First Week. Dan jinkludi hinijiet tat-tfal u hinijiet tal-Muzew. It-tfal jispiccaw l-iskola fis-2.30p.m. Jiena nikkalkula meta inkun dawk il-jumejn xoghol fil-gimgha u jiena nimla t-time table fil-granet kollha mbghad nistenna risposta taghha u nara granet maqtughin gieli kien hemm tlett ijiem bhala granet maqtughin. ***Erba` darbiet fil-gimgha narhom lit-tfal.*** Jiena t-tfal nigborhom minn ghandha jew nigborhom mill-iskola u nerga nohodhom ghandha jew in wassalhom l-iskola.  Access nohroghom mid-dar ikun hemm u anke god-dar.

Ir-roster tax-xoghol tieghi johrog kull hmistax. Dawn it-timetables jiena rajthom kollha…….Dwar l-ewwel paragrafu tat-tielet pagna tal-Affidavit fir-rigward tal-25 t`Ottubru 2013 nghid li ma marrux skola ghax C D qaltli li ma jifilhux u kien imisshom il-gurnata mieghi. Flok hadthom bhas-soltu tat-tmienja ta` filghodu hadthom fl-ghaxra ta` filghodu u zammejthom kwazi gurnata kollha.

X`hin gie filghaxija l-ebda sintomi ta` mard jaqbzu u jharbtu kull mhemm u lanqas sintomi ta` mard. Kienu gew xi zijiet tieghi ghandi d-dar. Iddecidejna li mmorru l-bandli z-Zurrieq u C cemplitli fis-6.00p.m. u jien bghattilha li se jcemplulha lura huma. Jiena ghidtilha li qeghdin mieghi u qeghdin il-bandli. Dakinhar spiccajna u naraha tiela dakinhar bil-karozza. Jiena kont bil-karozza t-tfal kienu wara fil-karozza u hi baqghet tigri bil-karozza warajja. Jiena bdejt nibghatilha biex tieqaf ghax it-tfal kienu imwerwrin dak il-hin taghfas mal-karozza tieghi u fuq wara u bqajt sejjer lejn l-Ghassa tal-Pulizija biex nigbed l-attenzjoni  tal-Pulizija. Kif wasalt quddiem l-ghassa nizlet mil-karozza taghha u fethet il-bieba tieghi u gibdet it-tfal. Kif rajt hekk inzilt u gbittha lura biex ma tohodlix lit-tfal.

[4] Fol. 575

Ergajt dhalt fil-karozza u ergajt qbadt insuq. Hi baqghet tigri warajja bil-karozza u ghamlet rapport illi jiena lilha weggajtha meta gbittha biex ma tohodlix t-tfal. Marret taghmel rapport. Nirreferi ghall-ahhar paragrafu tal-affidavit taghha fejn qed issostni li jiena ma mortx liebes xieraq fit-triq biex nigbor it-tfal u jiena nghid li mhu veru xejn. “

Il-**konvenuta C D** xehdet bil-mezz tal-affidavit:-

Tispjega li fuq il-kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali ftehmu li l-access ikun liberu minhabba li l-attur m`ghandux hinijiet ta’ xoghol fissi. “….. ftehimna li naghzlu l-hinijiet flimkien imma dan ma sarx aktar possibbli. Hu qed jinterpretaha li jiehu t-tfal x`hin irid u meta jrid meta l-access liberu sar minhabba l-fatt li hu qal li jahdem bix-shift u allura ma stajniex niftehmu hinijiet fissi u ghalhekk ghamilna access liberu u naghzlu l-hinijiet flimkien. “

Kompliet tixehed hekk: “Kont naghti access ghat-tfal lill-attur aktar milli hemm fil-kuntratt imma l-attur beda jitlobni hames euros ghal kull ikla tat-tfal anke jekk johodhom Mcdonalds. Anke kien jitlobni flus ghall-petrol ghax jigi johodhom u jwassalhom ghandu. Minhabba l-fatt li jiena ma accettajtx din il-kundizzjoni ddecieda u ma tax manteniment ghal erba` xhur in fila. Dan anke tlajna l-Qorti fejn jiena anke hfirtlu. Ghalhekk jiena mxejt mal-kuntratt fejn it-tfal bdew imorru darbtejn f`gimgha u sleepover. Nghid ukoll li mxejt mal-access li hemm imnizzel fil-kuntratt u anke gie ffirmat minnu. Jiena qatt ma tlabtu l-gholi tal-hajja anqas u kif ukoll hemm sew imnizzel fil-kuntratt u ghalkemm naqas ihallas manteniment tat-tfal jiena qatt ma cahhadtu milli jara l-minuri kif qed isostni l-attur.

Dwar l-allegazzjoni tal-attur li l-konvenuta ma kenitx tattendi ghall-attivitajiet tat-tfal, tispjega li dan kien gara peress li l-attur meta jmur jigbor it-tfal kien johdilhom ic-cirkolari li suppost jghaddu lill-genituri u hi ma kentix tkun taf bl-attivita’.”

Il-konvenut issemmi episodju li setgha kellu konsegwenzi fatali. Tghid illi f’Awissu tas-sena 2013 l-attur kien ha liz-zewgt itfal gewwa pixxina u halla lit-tifel wahdu hdejn il-pixxina li spicca waqa’ fl-ilma u gabruh terzi persuni.

Il-konvenuta xehedet illi l-kwistjonijiet bejn il-partijiet wara l-kuntratt tas-separazzjoni bdew meta l-konvenuta dahlet lis-sieheb taghha jghix fid-dar flimkien maz-zewg ulied tal-partijiet.

"…..minn Gunju 2012 l`hawn jiena noqghod ma' partner tieghi Jefferson Camilleri flimkien ma' uliedi u minn dakinhar li bdew il-battibekki tal-attur u li beda jilghab bil-manteniment. Qatt ma ppretendejt u qatt ma ghamilt xejn biex il-partner tieghi jiehu post missierhom. Dan jistghu jixhduh it-tfal. Kif diga spjegajt it-tfal kien jarahom u ghadu jarahom fil-hinijiet li niftehmu.

Nichad ghal kollox dak allegat mill-attur li t-tfal jorqdu bejni u l-partner tieghi ghax huma ghandhom il-kamra taghhom. Imma dik kienet darba fejn kien maltemp u t-tfal bezghu u gew ftit minuti hdejja u jiena hadthom f`kamarthom."

Hija tghid ukoll illi recentement A B anke gie gewwa l-komun tal-flat taghha u tefa' d-dawl tal-flat mill-meter li qieghed fil-komun tal-blokk u bghatilha messagg. Il-messagg kien jghid " ejjew ixgheluh d-dawl heroes" fejn anke l-pulizija kienu imsejhin. Tghid hekk: "Episodji bhal dawn graw hafna drabi ghax kien jigi mhux fil-hin li kellu mat-tfal u intefa fit-triq quddiem dari jew fil-komun u jibqa' hemm li biex nohrog jien ikolli nitlob l-ghajnuna tal-pulizija………kelli inbiddel linja tal-mobile minhabba telefonati kontinwi tieghu liema telefonati kienu ikunu fil-vojt u ghalxejn maghmula semplicement biex joqghod idejjaqni u jtellifni minn xogholi u jiffittani." [5]

L-attrici ezebiet ittra ppreparata minn Family Therapist Karen Bishop immarkata Dok.KB1 (Vide Volume 3 Fol.584 tal-process) F`din l-ittra Karen Bishop tghid hekk: "This is to confirm that during 2013 C D sought my assistance as a family therapist and we met for a few sessions. Ms Polidani wanted help for her two children whom she described as distressed following the aftermath of a difficult marital situation. At the time I required the permission of both custodial parents to be able to see the siblings.

The children`s father did not grant me permission to offer psychotherapy to the children since he was of the opinion that therapy would not be beneficial to their well-being. Thus regretfully I was never able to meet the children and consequently my contact with Ms D was terminated. "

Il-konvenuta ezebiet ukoll Psycho-educational Report tat-tifla Elisha B (Volume 2 fol.529 Dok.3) ta` Denise Borg B.A.(Hons) M.A. (Psych.) Psychologist and Psychotherapist Warrant no MPPB 062 fejn fil-konkluzjonijiet taghha tghid ukoll li Elisha ghandha ***Attention Deficit***

[5] Fol. 486

***Hyperactivity Disorder (inattentive type) with Dyslexia*** (with literary scores being below her chronological age).

Kif gia' accennat supra l-Qorti kienet innominat lill-Perita Psikologa Mrs Carmen Sammut B.Ed.(Hons.),B.Psy.(Hons), M.ED.(Sheffield),MPsy.(Clin.) P.M. Diploma in Pastoral Psychology esperta fil-Psikologija Klinika (Fol.625) biex tipprepara rapport dwar jekk hux fl-interess tal-minuri li jizdied il-hin li l-minuri iqattghu ma' missierhom u fejn ghal fini ta` din in-nomina hija ghamlet 12 l-appuntament mal-partijiet. Fil-konkluzzjonijiet taghha l-Esperta Gudizzjarja tghid hekk:-

**1.** ***Jidher li peress illi l-minuri huma kemxejn insikuri bhalissa li tbiddel l-arrangamenti li hemm dwar il-kuntatt taghhom mal-genituri jista' johloq iktar incertezza fihom milli jkun ta` ghajnuna***

**2.** ***Jidher ukoll li l-idea ta`access liberu mhuwiex jahdem daqshekk ghax*** **forsi dak** ***li jimplika, li fl-ahhar minn l-ahhar il-kuntatt bejn il-minuri u l-genituri jkun kapaci jiehu f`konsiderazzjoni il-bzonnijiet kemm tal-genitur, imma wkoll - jekk mhux aktar – il-bzonnijiet tal-minuri, ma jidhirx li qed tigi miftehma sew. Allura forsi nixtieq nissuggerixxi b`mod qawwi li wiehed jikkonsidra arrangamenti aktar cari biex joffru aktar sens ta` kontinwita ghall-minuri.***

**3.** ***Jidher ukoll illi A B bhala l-missier mhuwiex jifhem li bintu Elisha ghandha certi diffikultajiet fit-taghlim li ghalihom ghandha bzonn ghajnuna specjalizzata biex timxi 'l quddiem. Li tqatta' aktar hin ma' missier li mhux qed jifhem sew l-isfidi li tiffaccja bintu tista' tikkontribwixxi*** **ghal zvilupp ta`** ***`self image` ta` falliment tat-tifla, xi haga li jiena certa li l-missier ma jridx ghax jidher li hu ihobb hafna liz-zewg uliedu.***

**4.** ***Nissuggerixxi li bhala genituri jigu involuti kemm jista' jkun f`kull programm ta` ghajnuna li jkun qed jigi offrut liz-zewg ulied biex ikunu aktar informati kif jistghu ikunu ta` ghajnuna lilhom***.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

In tema legali jibda biex jinghad illi ghalkemm huwa principju li kuntratt huwa ligi bejn il-partijiet u li l-massima legali "pacta sunt servanda" ghandha tigi segwita, fejn jidhlu kuntratti li jistipulaw, bl-approvazzjoni tal-Qorti, f'idejn min ghandha tkun il-kura u kustodja ta' minuri kif ukoll il-modalita' tal-access tali stipulazzjonijiet jistghu, f'kazijiet eccezzjonali , jigu emendati jekk l-interess suprem tal-minuri jkun hekk jiddetta.

F’sentenza moghtija fit-3 ta’ Ottubru 2008 fl-ismijiet **Miriam Cauchi vs Francis Gauci** l-Qorti tal-Appell iddikjarat illi fejn il-genituri ma jitkellmux talba ghall-kustodja kongunta ghandha tigi skartata mill-Qorti. Din il-Qorti filwaqt li tiddikjara li taqbel ma’ tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m’humiex kapaci jitkellmu b’mod civili ma’ xulxin li l-kura u kustodja m’ghaniex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkuns sors ta’ litigji ulterjuri b’detriment serju ghall-benessere tal-minuri. Fis-sentenza appena citata l-Qorti tal-Appell iddikjarat hekk:-

“Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m’hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma’ ommha u anke ma’ missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux *vice versa*. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli. ……….din il-Qorti lanqas ma trid li l-access jigi pprattikat bl-iskossi. It-tfal ghandhom dritt ghall-istabbilita` f’hajjithom u fil-programm ta’ kuljum u ta’ kull gimgha. Il-Qorti, ghalhekk, tara li jkun aktar desiderabbli li l-granet ta’ l-access ghall-missier jonqsu fil-waqt li jizdied il-hin ta’ kuntatt.”

Fis-sentenza **Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud** moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta’ Marzu 2014, il-Qorti emfasizzat li fejn jidhlu il-minuri huwa ta’ applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap. 16 li jaghti l-poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri.

Fl-ahharnett issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta’ Ottubru 2014 fl-ismijiet **Mario Darmanin vs Annalise Cassar**,

“ ……..meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta’ minuri, il-Qorti ma ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mill-merti u demeriti tal-partijiet ‘ut sic’ izda biss dwar x’inhu l-ahjar interess tal-minuri. (vide per ezempju Magro v. Bonnett 11 ta’ Dicembru 2003 u Portelli v. Portelli, 25 ta’ Gunju 2003 – Prim’ Awla).

Dwar jekk kura u kustodja kongunta f’kazi bhal dawn hijiex l-ahjar soluzzjoni, din il-Qorti taqbel ma’ sensiela ta’ sentenzi moghtija minn din il-Qorti fl-ahhar snin u cioe` kif qalet din il-Qorti illi: “Il-Qorti qed tiskarta t-talba ghal kustodja u kongunta ghaliex bhala sistema m’hijiex prattikabbli meta l-genituri ma jiftehmux bejniethom.” (Miriam Cauchi v. Francis Cauchi – Qorti tal-Appell, 3 ta’ Ottubru 2008). Li wiehed jghid li f’din il-kawza l-partijiet mhux jiftehemu huwa “understatement”. Il-Qorti tara li jekk tikkonferma d-decizjoni tal-

ewwel Qorti f'dan l-aspett tkun qed taghti lok ghal hafna disgwid li ma jfisser xejn ghajr hsara lill-minuri, specjalment jekk kif jista' jigri fil-hajja ta' kull bniedem ikun hemm bzonn ta' decizjonijiet mghaggla u urgenti f'dan ir-rigward. Certament ghalhekk tali sitwazzjoni ma hija prattikabbli xejn fil-kaz in ezami.".

Applikati dawn il-principji legali ghall-kawza odjerna, din il-Qorti hija konvinta illi ma jkunx fl-interess tal-minuri li tvarja dak li l-partijiet kienu ftehmu fuq il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali u takkorda kura u kustodja kongunta. Il-glied kontinwu li kien hemm bejn il-partijiet kemm ilhom li ffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali proprju ma jhalli l-ebda dubju illi kura u kustodja kongunta ma tiffunzjonax bejn dawn iz-zewg genituri. F'cirkostanzi ohra kura u kustodja kongunta hija l-ideali izda jrid ikun klima civili bejn iz-zewg genituri fejn ikunu kapaci jikkorrispondu u jikkomunikaw minghajr litigji. Il-provi mressqa f'din il-kawza juru l-kuntrarju. Xenarju kontinwu ta' kwistjonijiet dwar kull aspett li jolqot lill-minuri. B'detriment inevitabbli ghall-benessere taz-zewg minuri mertu tal-kawza odjerna.

Dwar it-talba tal-attur sabiex il-post residenzjali taz-zewg minuri ma jibqax primarjament ma' l-omm imma tkun residenza "shared" bejn iz-zewgt idjar tal-genituri, il-Qorti hi tal-fehma illi stabbilita' ghandhom bzonn u mhux aktar caqliq. L-interess tal-minuri jiddetta illi jkollhom stabbilit id-dar tagghom b'accesss lejn il-genitur li m'ghandux il-kustodja tat-tfal.

Ghalhekk l-ewwel u t-tieni talbiet attrici qed jigu respinti.

Fir-rigward tal-access l-attur qed jitlob illi l-access tieghu ikun jammonta ghal "nofs il-gimgha".

Dwar jekk l-access ghandux jizdied il-Qorti innominat lill-Psikologa Klinika Carmen Sammut. Fil-konkluzzjoniet taghha l-esperta gudizzjarja irrakkomandat illi m'ghandux ikun hemm tibdil fl-arrangementi dwar il-kuntatt mal-missier ghalkemm esprimiet it-thassib taghha li l-idea ta' "access liberu" ma hux qed jahdem. F'dan ir-rigward tirrakkomanda "arrangamenti iktar cari biex joffri iktar sens ta' kontinwita' ghall-minuri".

F'dan ir-rigward il-Qorti taqbel perfettament mal-esperta gudizzjarja. Illi normalment ikollu access ghat-tfal ta'lanqas tlett darbiet fil-gimgha u xi minn daqqiet anke aktar.

Fejn jidhol access il-Qorti trid taghti priorita' il-htigijiet tal-minuri. Filwaqt li mill-banda wahda huwa fl-interess tal-minuri li jkollhom relazzjoni sana ma' missierhom, huwa daqstant iehor fl-interess tal-minuri li l-programm tal-access m'ghandux ifixkel l-istabilita' fil-hajja tal-minuri fejn it-tfal jispiccaw qishom nomadi.

Ghalhekk il-Qorti qed tiddeciedi li b'effett mill-1 ta' Gunju 2015 l-access tal-missier versu z-zewg minuri mhux ser jibqa' wiehed liberu izda bil-mod kif gej:-

Nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn il-5.00 p.m. u 7.00 p.m.

Alternattivament mill-Gimgha fis-6.00 p.m. sas-Sibt fis-6.00 p.m. u mis-Sibt fis-6.00 p.m. sal-Hadd fis-6.00 p.m,.

It-talba tal-attur ghar-riduzzjoni tal-manteniment bonarjament pattwit bejn il-partijiet mhiex gusitifikata u qed tigi respinta.

Fir-rigward tal-kontro-talba tal-konvenuta ghall-awment fil-hlas tal-manteniment jinghad dan li gej.

Skont il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali l-partijiet ftehmu illi l-attur ihallas lill-konvenuta bhala manteniment ghall-minuri s-somma ta' €400 kull xahar oltre nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u tas-sahha. Jirrizulta illi anke f'dan ir-rigward sehhew kwistjonijiet bejn il-partijiet b'nuqqas ta' qbil kontinwu jekk certu spejjez kienux necesssarji u jekk hux qed jithallsu fiz-zmien miftiehem.

Fic-cirkostanzi partikolari l-Qorti hija tal-fehma illi dawn il-litigji wkoll qed ikollhom effett negattiv fuq il-benessere tal-minuri. Il-Qorti hi konvinta illi l-partijiet mhux ser jieqfu jikwistinjaw fuq kull haga li tolqot lill-minuri. Ghalhekk qed tiddeciedi illi dwar il-manteniment temenda l-kuntratt kif gej:-

L-attur ghandu b'effett mill-1 ta' Gunju 2015 jhallas lill-konvenuta is-somma ta' sitt mitt ewro (€600) fix-xahar ghall-manteniment taz-zewg minuri li jizdied kull sentejn skont l-indici tal-gholi tal-hajja liema manteniment ghandu jkopri wkoll l-ispejjez kollha ta' l-edukazzjoni hlief ghall-mizati u l-kotba ta' l-iskola jekk ikun il-kaz li ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet.

Il-Qorti qed tordna li a spejjez taz-zewg partijiet f'sehem ugwali bejniethom tinhareg polza ta' assikurazzjoni a favur iz-zewg minuri sabiex taghmel tajjeb ghall-ispejjez relatati mas-sahha taz-zewg minuri.

Dwar it-talba tal-attur sabiex il-minuri ma jigux esposti ghall-partner tal-konvenuta, ma jirrizultax li jezistu l-estremi sabiex il-Qorti taghti tali ordni. Irrizulta illi l-konvenuta llum ghandha relazzjoni stabbli mal-partner taghha li minnu ghandha wkoll tarbija li qed titrabba flimkien maz-zewg minuri tal-partijiet. L-allegazzjoni tal-attur li l-konvenuta qed tadopera "parental alienation" fil-konfront tieghu ma gietx issostanzjata. Ghalhekk il-hames talba attrici qed tigi respinta.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tiddisponi sew mit-talbiet attrici kif ukoll mit-talbiet rikonvenzjonali u l-eccezzjonijiet reciproci tal-partijeit bil-mod kif gej:-

1. Tichad l-ewwel u t-tieni talba attrici.

2. Tichad it-tielet talba attrici u minflok tordna li b'effett mill-1 ta' Gunju 2015 l-access tal-missier versu z-zewg minuri jkun kif gej:-

Nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn il-5.00 p.m. u 7.00 p.m.

Alternattivament mill-Gimgha fis-6.00 p.m. sas-Sibt fis-6.00 p.m. u l-gimgha ta' wara mis-Sibt fis-6.00 p.m. sal-Hadd fis-6.00 p.m,.

3. Tichad ir-raba talba’ attrici u tilqa’ t-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta billi tordna li b’effett mill-1 ta’ Gunju 2015 il-manteniment stipulat fil-kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali ta’ bejn il-partijiet tal-21 ta’ Dicembru 2011 jigi varjat billi l-attur jibda jhallas lill-konvenuta is-somma ta’ sitt mitt ewro (€600) fix-xahar ghall-manteniment taz-zewg minuri (€300 ghal kull wild) li jizdied kull sentejn skont l-indici tal-gholi tal-hajja liema manteniment ghandu jkopri l-htigijiet kollha tal-minuri inkluz l-ispejjez ta’ l-edukazzjoni eccetto l-ispejjez tal-mizati u tal-kotba ta’ l-iskola u tal-lezzjonijiet tal-privat tal-minuri, jekk ikun il-kaz, li ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet.

Tordna li l-manteniment tal-minuri hawn ordnat u stipulat jinqata mis-salarju tal-attur u jithallas direttament lill-konvenuta. Il-konvenuta ghandha tiddeciedi wahidha jekk wara s-sena skolastika kurrenti, l-minuri tkomplix tattendi jew le l-lezzjonijiet tal-privat.

Il-Qorti qed tordna li l-konvenuta ghandha tiehu hsieb li tottjeni l-hrug ta’ polza ta’ assikurazzjoni a beneficcju taz-zewg minuri b’effett mill-1 Gunju 2015 sabiex taghmel tajjeb ghall-ispejjez relatati mas-sahha taz-zewg minuri. L-attur qed jigi ordnat li jhallas lill-konvenuta nofs il-premium relattiv sa mhux aktar tard minn gimgha minn meta jinghata kopja tal-kont. Fin-nuqqas sehem l-attur mill-premium ghandu jigi kkonsidrat bhala awment fil-manteniment pagabbli fix-xahar ta’ wara.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------